MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 441/2002

**Tigne Development Company Limited**

**vs**

**T.M.T. Limited
u b'digriet tat-28 ta' Awissu, 2002, l-isem T.M.T. Limited gie mibdul bl-isem TMT Limited**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm1,542.41 rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta' servizzi ta' akkomodazzjoni u servizzi ancillari u accessorji rezi mis-socjeta' attrici fuq inkarigu u ordni specifiku tas-socjeta' konvenuta.

Bl-imghax u bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Gunju, 2001, u ta' l-ittra bonarja tal-5 ta' Frar, 2002, kif ukoll tal-mandat kawtelatorju pprezentata

kontestwalment ma' l-avviz, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-4 ta' Marzu, 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------